# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 27 ta' Jannar 2023

**Il-Pulizija**

(Spettur Gabriel Micallef)

(Spettur Daryl Borg)

**vs**

**Maraya Magro**

(K.I. 415301L)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużata **Maraya Magro**, ta' 21 sena, bint Domenic u Tracy nee' Elsworth, imwielda tal-Pietà nhar it-18 t' Ottubru 2001, minħajr residenza ġewwa dawn il-gżejjer u detentriċi tal-karta tal-Identità Maltija bin-numru 415301L u akkużata talli nhar is-26 ta' Jannar 2023, bejn il-ħin ta' 12:15 hrs u 12:45 hrs u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, minn ġewwa l-istabiliment Gold Market li jinsab fi Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta:-

1. bil-ħsieb li tagħmel delitt, u ċioè delitt ta' serq aggravat ta' ċurkett tad- deheb, tat bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħha, liema reat kieku ġie kkonsmat kien ikun ikkwalifikat, bil-valur, liema valur jeċċedi l-mitejn, tlieta u għoxrin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), għad-dannu ta' Sacha Said u/jew persuni oħra jew entitajiet oħra.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużata irreġistrat ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li dakinhar tas-26 ta' Jannar 2023, l-akkużata daħlet fl-istabbiliment tad-deheb Gold Market u talbet biex tara xi ċrieket. L-addetta tal-ħanut ħarġet tray biċ-ċrieket biex turihomla u hi u ddaħħal it-tray lura f'postu rrealizzat li kien hemm ċurkett nieqes. L-akkużata pprovat taħrab mill-ħanut però sid il-ħanut għalaq il-bieb u niżżel il-kanċell sabiex ma taħrabx u ċempel lill-pulizija. L-uffiċjali tal-pulizija marru fuq il-post fejn hemmhekk sabu lill-akkużata li ammettiet it-twettiq ta' dan ir-reat.

Illi l-Qorti semgħet illi l-akkużata preżentement għandha diffikultà bl-abbuż tad-droga u li hi, volontarjament, diġà kkomunikat mal-Caritas sabiex tibda programm għar-riabilitazzjoni mid-droga. Filfatt, jidher li hi ġiet aċċettata u se tibda dan il-programm fil-jiem li ġejjin. L-akkużata stqarret li tixtieq tbiddel ħajjitha u tibda mill-ġdid fit-triq it-tajba.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li din hija l-ewwel darba li l-akkużata xellfet difrejha mal-liġi. Tqis ukoll, madanakollu, li ċ-ċurkett kellu valur ta' madwar €1,200 u li kieku ma ndunatx l-addetta mal-ħanut, aktarx li l-akkużata kienet tirnexxi fis-serqa.

Min-naħa l-oħra, l-Qorti semgħet li l-akkużata għaddejja minn żmien infeliċi u li diġà ħadet il-passi, b'mod volontarju, biex tirranġa ħajjitha. Il-Qorti tfaħħar dan il-pass tal-akkużata għaliex il-Qorti temmen li għalkemm persuna tista' tiżbalja, hija għandha tingħata ċans li tikkoreġi ħajjitha jekk tassew ikun hemm ir-rieda. B'hekk, il-Qorti ser tagħti dan iċ-ċans lill-akkużata.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(c), 267, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha, qed issib lil **Maraya Magro <u>ħatja</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tpoġġi lill-ħatja taħt Ordni ta' Probation għall-perjodu ta' sena (1) mil-lum bil-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħti kontestwalment;

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, Il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar li jinftiehem x'inhuma l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tad-Digriet mogħti kontestwalment u li jekk tonqos milli tikkonforma ruħha magħha jew tagħmel xi reat ieħor, hija jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġiet akkużata bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom tkun instabet ħatja.

Inoltre, għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħatja Maraya Magro sabiex tingħata t-trattament meħtieġ biex tegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga u dan

għal perjodu ta' disa' xhur, ossija l-perjodu kollu tal-programm ta' riabilitazzjoni mid-droga taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur Servizzi Probation and Parole u lid-Direttur tal-Caritas.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**